

II

(Atti mhux leġislattivi)

FTEHIMIET INTERNAZZJONALI

DEĊIŻJONI TAL-KUNSILL (UE) 2015/2191

tal-10 ta' Novembru 2015

dwar l-iffirmar, f'isem l-Unjoni Ewropea, u l-applikazzjoni provviżorja tal-Protokoll li jstabilixxi l-opportunitajiet tas-sajd u l-kontribuzzjoni finanzjarja previsti fil-Ftehim ta' Sħubija fis-settur tas-Sajd bejn il-Komunità Ewropea u r-Repubblika Iżlamika tal-Mauritania għal perjodu ta' erba' snin

IL-KUNSILL TAL-UNJONI EWROPEA,

Wara li kkunsidra t-Trattat dwar il-Funzjonament tal-Unjoni Ewropea, u b'mod partikolari l-Artikolu 43, flimkien mal-Artikolu 218(5) tiegħu,

Wara li kkunsidra l-proposta tal-Kummissjoni Ewropea,

Billi:

- (1) Fit-30 ta' Novembru 2006, il-Kunsill adotta r-Regolament (KE) Nru 1801/2006 dwar il-konklużjoni tal-Ftehim ta' Sħubija fis-settur tas-Sajd bejn il-Komunità Ewropea u r-Repubblika Iżlamika tal-Mauritania ⁽¹⁾ (minn hawn 'il quddiem imsejjaħ "il-Ftehim ta' Sħubija").
- (2) L-aħħar Protokoll li jstabilixxi l-opportunitajiet tas-sajd u l-kontribuzzjoni finanzjarja previsti fil-Ftehim ta' Sħubija skada fis-16 ta' Diċembru 2014.
- (3) Fl-10 ta' Lulju 2015, l-Unjoni u r-Repubblika Iżlamika tal-Mauritania inizjalaw Protokoll ġdid għall-Ftehim ta' Sħubija ⁽²⁾ (minn hawn 'il quddiem imsejjaħ "il-Protokoll"). Il-Protokoll jagħti opportunitajiet tas-sajd lill-bastimenti tal-Unjoni fiż-żoni tas-sajd taħt is-sovranità jew il-ġurisdizzjoni tar-Repubblika Iżlamika tal-Mauritania.
- (4) Sabiex jiġi żgurat li l-attivitajiet tas-sajd mill-bastimenti tas-sajd tal-Unjoni Ewropea jerġgħu jibdew malajr kemm jista' jkun skont l-Artikolu 14 tiegħu, il-Protokoll għandu jiġi applikat b'mod provviżorju mid-data tal-firma tiegħu.
- (5) Ikun adatt li l-Protokoll jiġi ffirmat u applikat b'mod provviżorju, sakemm jitlestew il-proċeduri neċessarji għall-konklużjoni tiegħu,

ADOTTA DIN ID-DEĊIŻJONI:

Artikolu 1

L-iffirmar, f'isem l-Unjoni, tal-Protokoll li jstabilixxi l-opportunitajiet tas-sajd u l-kontribuzzjoni finanzjarja previsti fil-Ftehim ta' Sħubija fis-settur tas-Sajd bejn il-Komunità Ewropea u r-Repubblika Iżlamika tal-Mauritania għal perjodu ta' erba' snin huwa b'dan awtorizzat, soġġett għall-konklużjoni tal-imsemmi Protokoll.

⁽¹⁾ Ir-Regolament tal-Kunsill (KE) Nru 1801/2006 tat-30 ta' Novembru 2006 dwar il-konklużjoni tal-Ftehim ta' Sħubija fis-settur tas-sajd bejn il-Komunità Ewropea u r-Repubblika Iżlamika tal-Mawritanja (ĠU L 343, 8.12.2006, p. 1).

⁽²⁾ Protokoll li jstabilixxi l-opportunitajiet tas-sajd u l-kontribuzzjoni finanzjarja previsti fil-Ftehim ta' Sħubija fis-settur tas-Sajd bejn il-Komunità Ewropea u r-Repubblika Iżlamika tal-Mauritania għal perjodu ta' erba' snin (ara l-paġna 3 ta' dan il-Ġurnal Uffiċjali).

It-test tal-Protokoll huwa mehmuż ma' din id-Deċiżjoni.

Artikolu 2

Il-President tal-Kunsill huwa awtorizzat li jinnominal-persuna jew persuni bis-setgħa li jiffirmaw il-Protokoll fisem l-Unjoni.

Artikolu 3

Konformement mal-Artikolu 14 tiegħu, il-Protokoll għandu jiġi applikat b'mod provviżorju mid-data tal-firma tiegħu, sakemm jitlestew il-proċeduri neċessarji għall-konklużjoni tiegħu.

Artikolu 4

Din id-Deċiżjoni għandha tidħol fis-seħħ fil-jum tal-adozzjoni tagħha.

Magħmul fi Brussell, l-10 ta' Novembru 2015.

Għall-Kunsill
Il-President
P. GRAMEGNA
